## META?

Fittixtek fuq il-blat mill-mewġ imsawwat
Meta f'elf qatra l-ilmijiet imfarrka,
Imkissra w imferrxin mir-rwiefen, xterdu
Mal-ġebla bajda ta' l-ixtut.
Ħarist lil hemm mill-orizzont imbiegħed
Meta bla ħoss id-dellijiet waħxija
Resqu qajl qajl ma' dwari......Ntfew għajnejja,
U leħnek ma wasalx ħelu jitliegħeb
U jwennes 'il widnejja.

Fittixtek f'ħoġor Mejju kollu ħdura,
F'ħaddejn il-warda, fil-ħlewwiet tal-vjoli,
Fil-għana tal-gardell u tal-bufula......
Xbihatek ma dehretx kemm kemm titriegħed
Fuq wiċċ l-għadira; wiż-żiffiet imqarba
Ma ġrewx ferħana, m'ommhom, ir-Rebbiegħa,
Sabiex jiżfnu madwarek.

Is-Sajf, għajjien, għall-kenn tal-palm dellija,
Xagħru kotrana, sbul safrani mdieheb,
Kien ilu ma jarak titħabbeb miegħu.
Feġġet ix-xemx, u xegħlet nar l-egħlieqi;
Is-sema tbissem, u l-ixtut bil-ħajja
Imliehom fis...... Għalxejn, għalxejn fittixtek!
Ilsieni tqal, u binti, l-Għanja, tbielet.
U mietet ġo dirgħajja.

U ġiet inkiss inkiss b'ħaddejn musfara,
Fuq ħatar twil titwieżen, il-Ħarifa;
Nefħet qermieda fuq tal-ġonna l-ħdura;
Nixxfet il-weraq; tfiet l-ilwien tal-fjuri..
U xagħrha ħallet, imbikkija, d-dielja.
Wensek fittixt; bikjiti bla mismugħa
Intilfet ma' l-irjieħ.

Stennejt bla sabar, fuq ix-xwiek, mixjietek
Tofroq bilkemm is-sbul u il-peprin.
Stennejt il-bewsa ta' xufftejk imriegħda
Tislet minn qalbi l-għanja li għannejtlek
Meta flimkien terraqna qalb il-ħdura;
U int wrejtni t-triq, Muża ħanina.........
"Huti l-agħsafar u l-ilwien ta' Mejju;
Għanjieti l-gliegel ferreħin jitgerbu
Qalb ċagħaq u ġebel żgħir tax-xmajra ċkejkna......"

L-imgħoddi kien u għab. Il-futur meta?

U deherli nisma' d-daqq ta' l-istrumenti,
L-ilħna tal-kori, l-kisra tal-vjolini,
U Vienna fetħet bħal blanzun quddiemi,
U faret mid-Danubju melodija
Li 'l qalbi sakkret. U stħajjiltha l-qiegħa
Taħrab u tgħib minn taħti.

Tielgħa bħal ġgant quddiem għajnejja rajtu,
Nisel ta' Vienna, 'l Strauss, u tad-Danubju.
Lagħbet fuq xoffti l-mistoqsija: "Meta?";
Hu ħares lejja kollu ħniena; għajnejja
Tilfu xbiħatu, u dalma għattietli 'l ħsiebi.
Imma f'widnejja smajt bħal melodija
U kliem fil-bogħod, bilkemm ilkemm jinstama':
"Meta d-Danubju jimla x-xfar bil-fjuri,
U minn kull lewn ġwinħajk ferrieħa jtennu
Il-għanja kbira dejjemija tiegħu."

Hemm timxi rajtha, b'dik mixjitha rżina;
Harsitha serqet mill-wardiet tbissima;
F'nifisha l-ġiżimin xerred fweħatu,
U fuq xufftejha l-qroll waqqaf saltnatu.

Triegħdu xufftejja; u żiffa gernixija
Tenniet f'widinti: "Meta?",
U nħbiet ġod-dellijiet ta' fil-għaxija.

13.1.51 Ġ. B. Cassar.